8 ta' Jannar, 1965.

**Imhallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Marianna Gauci

*versus*

Nazzarena Gauci ne.

## Alimenti Arretrati

***Ghalkemm il-gudikati precedenti ghandhom jitqiesu bl-akbar rispett, dana pero ma jfissirx illi l-kwistjoni ma tistax tig-***

*rieżaminata fid-dawl ta' argomentazzjonijiet ġodda sottomessi lill-Qorti.*

*Id-dritt ta' l-alimenti akkwistat b'sentenza ma jistax jiġi ritenut modifikat jew mitluf mingħajr deċiżjoni oħra li tiddikjarah hekk modifikat jew mitluf.*

*Il-Qorti rriteniet li d-debitur ta' l-alimenti dovuti 'officio judicis" jista jitlob ukoll il-ħlas ta' l-alimenti arretrati, u b'hekk tbiegħdet minn dik il-ġurisprudenza li kienet tirritteni li l-alimenti arretrati dovuti 'officio judicis" — għad-distinzjoni ta' dawk dovuti "jure actionis" — ma jistgħux jiġu mitluba ħlief fil-każ li l-kreditur ta' l-alimenti jipprova li għamel dejn biex imantni ruħu jew juri motiv ġust għaliex ma eżiġihomx fiż-żmien illi messu.*

Il-Qorti, Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attriċi — wara li ppremettiet illi b'sentenza ta' dik il-Qorti tal-ħamsa u għoxrin ta' Mejju, 1957, fil-kawża fl-ismijiet "Marianna Gauci vs. Dottor Joseph Borg nomine et" żewġha Giuseppe Gauci kien ġie kundannat iħallasha pensjoni alimentarja ta' lira u tnax-il xelin fil-ġimgħa, u billi l-istess żewġha qatt ma ħallas dina l-pensjoni alimentarja li mid-disgħa ta' April, 1957, il-jum li ġie mogħti l-ewwel digriet sad-dsatax ta' Noxembru, 1963, tammonta għal ħames mija u ħamsin lira u tmien xelini (£550.8.0), li mid-data tas-sentenza għaddew aktar minn tlett snin — talbet li għar-raġunijiet fuq imsemmija, l-attriċi tiġi awtorizzata tesegwixxi s-sentenza fuq imsemmija pronunzjata minn dik il-Qorti fil-ħamsa u għoxrin ta' Mejju, 1957 fl-ismijiet "Marianna Gauci vs. Dottor Joseph Borg nomine et" sabiex tkun tista tottieni l-pagament ta' ħames mija u ħamsin lira u tmien xelini (£550.8.0) għall-alimenti skaduti sad-dsatax ta' Novembru, 1963, u r-rati ta' pensjoni alimentarja li għad jiskadu

minn dik id-data 'l quddiem. Bl-ispejjeż.

. . . omissis . . .

Rat is-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti tat-tletin ta' April, 1964 li biha t-talba ta' l-attriċi ġiet milqugħa, bl-ispejjeż kontra l-konvenuta nomine, wara li kkunsidrat:—

Illi l-fatti huma paċifiċi bejn il-kontendenti. Żewġ l-attriċi qiegħed l-Awstralja u ilu nieqes tmienja u tletin sena minn Malta. F'dan l-intervall huwa qatt ma bagħat lill-attriċi alimenti, kif huwa rigorożament id-dover tiegħu skond il-liġi, dover li ma jiddependix mill-konvivenza imma mill-vinkolu matrimonjali. Ma jirriżultax li hu qatt interpellaha biex tmur miegħu u hi rrifjutat bla ġusta kawża. Ma jirriżultax lanqas xejn ħażin dwar il-kondotta ta' l-attriċi, anki kieku dan, in difett ta' separazzjoni legali, sata qatt jaffetta l-obbligu ta' żewġha biex imantniha hu skond il-mezzi u l-posizzjoni tiegħu. Fil-ħamsa u għoxrin ta' Mejju, 1957, hija otteniet kontra tiegħu, kif rappresentat minn kuraturi, sentenza li kkundannatu jħallasha pensjoni alimentarja ta' lira u tnax-il xelin (£1.12.0) fil-ġimgħa. Hija issa qegħda titlob l-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti, a tenur tal-artikolu 256 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, biex tesegwixxi dik is-sentenza kontra tiegħu, stante li għaddew iżjed minn tlett snin mid-data tagħha, fl-ammont ta' ħames mija u ħamsin lira u tmien xelini (£550.8.0) li huwa kumulu tal-arretrati ta' alimenti dovuti skond dik is-sentenza b'effett mid-disgħa ta' April, 1957, data tal-ewwel digriet. L-attriċi ppruvat li f'dan l-intervall kollu żewġha qatt ma ħallasha xejn. Hija taqbel ukoll li f'dana l-intervall m'għaddietx għall-esekuzzjoni tal-imsemmija sentenza. Hija kienet avviċinat lill-oħt żewġha, il-konvenuta, li kienet tamministra l-fondi li żewġha

kellu sehem indivis minnhom u li ġej mill-wirt matern tiegħu, biex tħallasha l-alimenti dovuti mill-flus tal-kera li hi kienet tiġbor. Il-konvenuta ma tatha xejn għax qaltilha li kellha l-ispejjeż, u in verita l-fondi kienu biss tlieta divisibili bejn *ħames aħwa u jirrendu biss tmienja u għoxrin lira* (28) fis-sena. Dana jfisser li ma kienx hawn flus Malta f'idejn il-konvenuta li minnhom l-attriċi setgħet tinsisti li titħallas. L-attriċi hija xiħa u ma kelliex kapaċita biex tottieni l-alimenti minn x'imkien ieħor. Ma għandha u ma kellha ebda *risorsi* oħrajn. *Infatti* hija għexet bl-għajnuna soċjali tal-Gvern li tammonta għal-l-erbgħa liri u tmientax-il xelin (£4.18.0) fix-xahar. Issa saret id-diviżjoni u l-attriċi qegħda taġixxi biex tkun tista tesegwixxi l-imsemmija sentenza fuq il-parti tal-fondi li messu lil żewġha.

Illi fl-isfond ta' dawn il-fatti l-Qorti trid tikkunsidra żewġ kwistjonijiet: tista l-attriċi titlob l-arretrati tal-alimenti in vista tal-ġurisprudenza nvokata mid-difensur tal-konvenuta? *Il-liġi statutorja ma tiddisponi xejn u tgħid biss* li l-mara waqt iż-żwieġ għandha tiġi mantnuta mir-raġel skond il-mezzi u l-posizzjoni tiegħu. U, jekk dik il-ġurisprudenza hija applikabbili għall-każ, ippruvat li l-każ tagħha jidħol f'wieħed jew l-ieħor miż-żewġ każijiet eċċezzjonali li dwarhom biss dik *il-ġurisprudenza* tammetti l-*alimenti* preteriti?

Illi skond dik il-ġurisprudenza trid issir distinzjoni bejn l-alimenti arretrati dovuti **jure actionis** minn naħa u dawk dovuti **jure sanguinis** jew **ex lege** jew **officio judicis vel legis** min-naħa l-oħra. F'dawk ta' l-ewwel, dejjem skond dik il-ġurisprudenza, jidħlu biss l-alimenti dovuti b'konvenzjoni, donazjoni jew testment, u dawn għandhom jiġu trattati bħal kuntratti *ordinarji, b'mod li d-debitur tal-alimenti jibqa* dejjem obbligat, mill-ġurnata tal-konvenzjoni jew tal-

apertura tas-suċċessjoni il quddiem u l-arretrati bejn dik il-ġurnata u d-domanda ġudizzjarja jibqgħu esiġibili. F dawk tat-tieni l-ġurisprudenza tagħna rriteniet li l-arretrati ma jistgħux jiġu mitluba u dana in bażi għall-massima "nemo alitur in praeteritum", ħlief fil-każ illi l-kreditur tal-alimenti juri motiv ġust il-għaliex ma eżiġihomx fiż-żmien li kien xieraq li jesiġihom jew fil-każ li jipprova li kien għamel djun biex imantni ruħu, għaliex fin-nuqqas ta' dan wieħed għandu jippresumi li l-alimentat iddobba b'risorsi oħrajn.

Illi din il-ġurisprudenza hija antika u milli jidher anki kostanti. Iżda l-Qorti jidhriha li flok ma tapplikaha awtomatikament hija għandha tieqaf u tirrifletti fuqha għax il-prinċipju nvolut u l-każ partikolari ta' l-attriċi hekk jimmeritaw, speċjalment billi issa għadda żmien minn meta ġie sottomess il-każ kuntrarju għall-konsiderazzjoni tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell. Għalhekk dina l-Qorti sejra tirkapitola l-ġurisprudenza u dottrina in materja u tanalizzahom.

Illi milli jidher is-sentenzi prinċipali ta' dawn il-Qrati fuq is-soġġett huma dawn li sejrin jissemmew:—

1. Li stipiti tal-ġurisprudenza u dik li tat id-direzzjoni lill-oħrajn li ġew warajha hija s-sentenza fl-ismijiet **Lorenzo Agius vs. Dr. Francesco Frendo, noe.** 2 ta' Ġunju 1873. P.A. Kollez. Vol. VI p. 610. Il-missier, li b'sentenza tat-tlieta u għoxrin ta' Mejju, *1862 kien ġie kkundannat iħallas l-alimenti* lil ibnu, ġie liberat mill-effetti ta' dik is-sentenza u, di piu, retrospettivament għal tmien snin u nofs qabel id-domanda tiegħu, *ċioe mid-data li t-tifel kien emigra għal Tunis u ma baqax jesiġi l-alimenti mingħandu.*

2. **Caterina Rizzo vs Luigi Rizzo,** tlieta u għoxrin ta'

Jannar, 1874, P.A. (l-istess Imħallef, Dr. Lorenzo Xuereb) *Vol. VII, p. 24. Mara daħlet f'kuntratt notarili ma żewġha* biex dana jħallasha retta ġjornaljera ta' alimenti. Il-Qorti qatgħet li għalkemm kien hemm kuntratt l-alimenti kienu realment dovuti officio judicis u *mhux jure actionis* għax il-kuntratt sar wara li l-mara kienet avanzat domanda ġudizjali. Din is-sentenza ġiet bażata fuq is-sentenza preċedenti u fuq bran ta' **Curdus de alim** u biha ġie deċiż li la l-alimenti kienu dovuti **officio judicis** kienu esiġibili biss għall-futur. Għal issa jiġi osservat biss li l-ebda waħda minn dawn **iż-żewġ sentenzi ma kienet tirrigwarda awtorizzazzjoni għall-esekuzzjoni ta' sentenzi ġa mogħtija.**

3. *Illi t-tielet sentenza f'din is-serie, iżda* **l-ewwel waħda** ta' rifjut ta' awtorizzazzjoni għall-esekuzzjoni ta' sentenza, kienet dik fl-ismijiet **Giovanni Spiteri** *vs* **Saċerdot Dun Giuseppe Spiteri,** mogħtija minn din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Dr Giuseppe Gasan fis-sittax ta' Marzu, 1878, u pubblikata fil-Kollezz. Vol. VIII, pag. 469. B'din is-sentenza t-talba għall-awtorizzazjoni wara t-tlett snin ġiet rifjutata, prinċipalment fuq argument inferit mis-subartikolu (2) tal-art. 29 tal-Kodiċi Ċivili, b'menzjoni ta' bran ta' **Zacharie;**

Illi wara dawn it-tlett sentenzi, dawn il-Qrati baqgħu jsegwuhom għax fis-sistema tagħna l-ġurisprudenza għandha mportanza qawwija. In segwitu nsibu dawn is-sentenzi l-oħra:—

4. **Giuseppa Mizzi vs Antonio Mizzi** (P.A. 24 ta' April, 1882 Vol. IX p. 692). *F'din is-sentenza, almenu fost il-pubblikati*, donnu li ġie għall-ewwel darba rikonoxxut lill-mara miżżewġa d-dritt li titttex lil żewġha għall-arretrati dovuti b'sentenza *fil-każ li tkun iddejnet biex iżżomm lilha nnifisha*, imma d-domanda ġiet respinta fuq l-opinjoni tad-**Dema-**

lombe Nru. 17 u fuq il-presunzjoni li la l-mara ħalliet iż-żmien jgħaddi sinjal li ma kelliex bżonn. Fl-istess ħin l-awtorizzazjoni ġiet konċessa għall-futur.

5. **Giorgia vedova Said vs Angelo Said** (App.) (20 ta' Frar, 1920, Vol. XXIV, I, 359). It-talba għall-awtorizzazjoni ġiet rifjutata għal żewġ raġunijiet, viż:— (a) id-dottrina tal-insegwibilita tal-alimenti arrettrati; (b) il-fatt li d-debitur kien ħallas l-alimenti, għalkemm mhux lill-omm it-tfal alimentandi, kif ordnat bis-sentenza, imma lill-prokuratur tal-Istitut fejn kellhom jittieħdu minħabba li hi abbandonathom. Dwar l-arretrati l-Qorti hawn żiedet, ma l-eċċezzjoni **tal-każ tad-dejn** stabilit mir-raba sentenza fuq imsemmija anke l-każ ta' **motiv ġust għall-inazjoni** tal-kreditur; **Maria Abdilla vs. Dr. Edgar Buhagiar nomine** P.A. 20 ta' Marzu, 1947, Vol. XXXIII, II, 49). B'din is-sentenza ġiet segwita l-ġurisprudenza fuq imsemmija, imma, milli jidher għall-ewwel darba, il-Qorti akkordat l-awtorizzazjoni mitluba mill-mara miżżewġa biex tesegwixxi s-sentenza tal-alimenti anke għall-arretrati fuq il-bażi tal-motiv ġust li hija kellha biex ma tesegwihomx fiż-żmien.

**Illi fit-trattazjoni d-difensur tal-attriċi ssottometta li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, kien wisq diffiċli għaliha tesiġi l-ħlas tal-alimenti, mentri d-difensur tal-konvenuta rrisponda li għalkemm ma kienx hemm frutti suffiċjenti biex hi titħallas, hi dejjem setgħet, bħala kreditriċi ta' żewġha, tipprovoka d-diviżżjoni, imma l-Qorti ssib li ma hemmx bżonn li l-attriċi tinsinwa ruħha fl-eċċezzjonijiet tal-motiv ġust jew tad-dejn stabiliti bil-ġurisprudenza fuq imsemmija għax jidhrilha, bir-rispett kollu lejn l-opinjonijiet għorrief tal-passat, li għalkemm taħt ċertu aspett huma korretti taħt aspett ieħor iżjed importanti għall-finijiet ta' din il-kawża ma humiex, u dan għar-raġunijiet segwenti.**

Illi f'dan il-każ il-Qorti ma hijiex sejra tidħol fil-każijiet kollha kkonsidrati bl-imsemmija sentenzi ħlief in kwantu jittrattaw l-istess soġġett, ċioe l-posizzjoni tal-mara miżżewġa meta titlob li tiġi awtorizzata tesegwixxi sentenza għall-alimenti kontra żewġha wara l-iskadenza ta' tlett snin. Dana għaliex jista jkun hemm differenzi ta' struttura ġuridika bejn il-każ tal-konjuġi u l-każ ta' qraba oħrajn intitolati bil-liġi għall-alimenti kif jidher mill-fatt li huma trattati b'sub-titoli differenti tal-Kodiċi, u barra minn dan jista jkun hemm differenzi oħrajn ta' natura proċedurali. Hekk per eżempju l-każi tas-sentenzi numri 1, 3 u 5 fuq imsemmija ma jirrigwardawx każ ta' bejn konjuġi u konjuġi imma bejn missier u iben, bejn aħwa u bejn tfal rappresentati minn ommhom kontra missierhom rispettivament. Barra minn dan l-ewwel każ kien jirrigwarda mhux "awtorizzazioni di eseguire" imma talba tal-missier għall-liberazzjoni mill-obbligazzjoni tal-arretrati. Għalhekk strettament l-uniċi tlett sentenzi li jagħmlu għal dan il-każ huma dawk fin-numru 2, 4 u 6 fuq imsemmija u dana jekk wieħed jikkonċedi li l-każ numru 2 kien verament wieħed ta' alimenti" officio judicis" u mhux ta' konvenzjoni.

Illi b'dana kollu jibqa neċessarju li jiġu eżaminati l-argumenti svolti fl-ewwel sentenza għax din kienet l-oriġini tal-ġurisprudenza lokali. Wieħed ma jridx jinsa li kull każ għandu l-fattispeċji u ċ-ċirkostanzi tiegħu u li forsi l-ġudikant, kieku l-fatti kienu differenti, sata jieħu veduta oħra. Dak kien każ fejn missier, mhux mingħajr raġuni fl-ekwita, kien qiegħed jitlob li jiġi meħlus mill-obbligu tal-alimenti lejn ibnu li kien telaq minn Malta u għal tmien snin u nofs mhux biss ma talabhomx imma kien hemm il-prova li kien qiegħed fi stat aġjat f'pajjiż ieħor. Allura l-Qorti mmotivat ruħha li "essendo gli alimenti accordati in ragione del bisogno di chi domanda, di necessita ne consugue che cessata

la ragione, cessata cioe la necessita, devono anche venir meno le conseguenze."

Illi fil-ħsieb ta' *dina l-Qorti, sa l-ewwel ekwivoku meta in segwitu dak* il-konsiderand ġie segwit għall-każ ta' mara miżżewġa li titlob sempliċement l-awtorizzazjoni tal-Qorti biex tesegwixxi sentenza kontra żewġha, għax hija magħrufa fil-liġi d-distinzjoni li mentri l-alimenti tat-tfal u qraba oħra kontemplati fis-Sub-titolu II tat-Titolu I tad-Dritt tal-Persuni jiddependi mhux biss mill-mezzi tad-debitur imma anke mill-**bżonn** tal-alimentand (art. 27. Kod. Ċiv.), dawk tal-mara ma jiddependu bl-ebda mod mill-bżonn tagħha, *ħlief waqt li jkun hemm miexja kawża ta' separazzjoni* (cf. Art. 3 u 54 Kod. Ċiv.): imma hija għandha dritt għalihom anke jekk għandha proprjeta jew għandha mpieg b'salarju, u tibqa ntitolata għalihom **skond il-mezzi tar-raġel u l-posizzjoni tiegħu** (art. 3 *ibid*) sakemm ma tiddekadix minnhom, f'kollox jew in parti, għal xi tort kontemplat fil-Kodiċi, li jaġġjetezza tagħha mhuwiex wieħed *minnhom* (Vol. XXXV, p. 186). Għalhekk b'dan il-mod il-grad tal-bżonn tal-mara ġie ntrodott bħala fattur importanti f'rapport fejn huwa proprjament irrilevanti, mentri l-ewwel sentenza fuq imsemmija kienet tirrigwarda każ bejn missier u ibnu fejn il-bżonn tal-iben kien materjali.

Illi l-konsegwenza tal-premess kienet li l-mara ġiet miċħuda mill-alimenti li ma jiddependux mill-bżonn tagħha, fuq presunzjoni konġetturali li hi ma kienetx fil-bżonn.

Illi pero hemm iżjed minn hekk. Jiġi osservat li huwa almenu dubbjuż, jekk, f'dik l-ewwel kawża, l-effetti tas-sentenzi tal-alimenti setgħux jiġu kanċellati wkoll għall-imgħoddi. Jekk is-sentenzi tal-alimenti ma jikkostitwux ġudikat dan huwa veru limitatament biss għall-**miżura** u għall-mod tas-***somministrazzjoni*** *tal-alimenti. Hekk tgħid*

id-dottrina u hekk tgħid il-liġi. Kwantu għad-dottrina, huwa biżżejjed li jiġi ċitat awtur modern, l-Azzariti (Diritto Civile Italiano, Cedam, 1943 Torno Secondo, para. 573 pag. 1115)) li biex juri l-effett tas-sentenza li twaqqaf jew tbiddel l-alimenti jgħid: "E gli effetti della sentenza in tal caso si producono dal giorno della domanda non da quello del passaggio in giudicato della sentenza che ammetta la modificazione." Jiġifieri li l-effett taċ-ċessazzjoni jew tal-varjazzjoni ma jistax jiġi projettat iktar iżjed mill-ġurnata tad-domanda relativa. (Ara wkoll Enciclopedia del diritto, Editore Giuffre Vol. II Alimenti, para. 3, pag. 26). Kwantu għall-liġi, il-fraseoloġija adoperata fl-art. 28 tal-Kodiċi tidher kollha rivolta lejn il-futur. Fi kwalunkwe każ dak l-artikolu jinteressa l-każijiet l-oħra u *mhux ir-rapport bejn il-konjuġi.*

Illi jekk din l-osservazzjoni hija korretta ċioe li l-alimenti jistgħu jitneħħew biss għall-futur, il-mara miżżewġa li tiġi biex titlob l-awtorizzazjoni taħt l-art. 256 Kod. Proċ. Ċiv. u tiġi rinfaċċjata b'din il-ġurisprudenza, issib ruħha f'pożizzjoni wisq aħjar milli kieku żewġha stess talab biex *jiġi meħlus mill-aliment*, għax *l-anomalija ta' din il-posizzjoni* tkun li jekk hu jieħu l-inizjativa, għall-azjoni tiegħu, b'dana kollu jista jgawdi l-effetti biss għall-futur, mentri jekk hu jibqa inattiv taħt l-ewwel sentenza n-nuqqas ta' viġilenza tiegħu jiġi ppremjat u l-viġilanza tal-mara li titlob l-awtorizzazjoni biex tesegwixxi tiġi penalizzata. Din tammonta għall-inġustizzja għax allura r-raġel jiġi jaqbillu ma jagħmel xejn mentri suppost li "vigilantibus jura prosunt". Is-sitwazzjoni tidher wisq aħjar imbagħad meta wieħed jiftakar li r-raġel ikun fl-obbligu li jħallas l-alimenti regolarment mingħajr ma l-mara toqgħod kull darba ssofri nkonvenjenzi u spejjeż biex *titlobhomlhu,, speċjalment meta* jkun hemm ordni tal-Qorti.

Illi l-kritika li dina l-Qorti tista rispettożament toffri għas-sentenza numru 1 ma tistax tieqaf hawn. Jidher li kien hemm ekwivoku ieħor li jmur għall-għeruq tal-kwistjoni. Dik is-sentenza, b'argomenti mill-iżjed kolti bażati fuq id-Dritt Roman u ċ-ċivilisti bħal **Bartolus** u **Surdus** *wriet, mingħajr dubju, li l-alimenti dovuti lit-tifel huma* alimenti dovuti **officio judicis** jew **jure sanguinis** u mhux **jure actionis**, u dana fuq ir-respons "Adite a te competentes judicies, ali te a patre tuo jubebunt." Imma għandu jiġi notat li l-frammenti tad-Dritt Roman jilluminaw il-każijiet kollha ta' alimenti speċjalment bejn il-missier u l-iben, barra minn dak bejn il-miżżewġin. Tgħid l-**Enciclopedia del Diritto** fuq imsemmija (loc. Cit. pag. 20). "Nessun testo infine illumina sul rapporto reciproco dei coniugi tra di loro. Passi come Ulp. Dig. 24, 3, 22, 8; Ulp. Dig. 24, 1, 33; p Cod. 5, 12. 29, 1; sono in realta irrilevanti nell'uno come nell'altro senso." Għalhekk f'waqt li f'dik is-sentenza kien hemm bażi fuq x'hix wieħed jattinġi mill-fonti tad-Dritt Roman għar-*relazzjonijiet bejn il-missier u l-iben, ma kienx hemm l-istess* raġuni għar-relazzjoniiet bejn konjuġi u konjuġi.

Illi inoltre waqt li ma hemmx kwistjoni li l-alimenti dovuti lit-tifel u lill-mara huma dovuti **officio judicis**, it-teorija l-oħra li dawn ma jistgħux ikunu dovuti bl-arretrati lanqas ma hi tant paċifika fid-dottrina daqs kemm forsi jidher mill-ġurisprudenza in kwistjoni. L-ewwel sentenza, huwa veru, qagħdet fuq l-insenjamenti ta' **Surdus** u ta' **Bartolo** hemm ċitati: "Quando alimenta debentur solum officio judicis tunc praeteriti temporis ratio non habetur." Imma biex wieħed jara kemm hija in kontrast din id-dottrina biżżejjed jara l-opinjoni tal-**Baudrie Lacantinerie** (Persone, Vol. III, pag. 633 para. 2104) u tal-**Borsari** (Commentario del Codice Civile Italiano, Vol. I pag. 565) fejn hija deskritta bħala "difficilmente giustificabile" u "una singolare evoluzione del diritto alimentare"; anzi l-aħħar

awtur jirritieni senz'altru li l-alimenti arretrati huma dejjem dovuti, barra mill-każ eċċezzjonalissimu imsemmi mid-**Demalombe** (Nru. 71) li l-alimentand jikkonsegwi għal xi fortuna kbira. It-teorija negativa ta' Demalombe hija segwita *minn* ***Ricci*** *(Vol. I para. 20 pag. 24) u minn* **Quartarone,** "Il Diritto agli alimenti" (para. 130, pag. 86). Din il-*monografija (hemm kopja fil-librerija tal-Qorti) għalkemm* miktuba fl-1884, milli jidher hija awtorevoli għax hija waħda mill-ftit ċitati fil-bibjografija tal-Enciclopedia del Diritto taħt il-vuċi Alimenti u kieku wieħed kellu joqgħod *fuq* l-awtur tagħha l-kwistjoni tista tispiċċa hawnhekk għax dak *l-awtur, mhux mingħajr raġuni, iqiegħed l-alimenti* dovuti **b'sentenza** fost l-alimenti dovuti **jure actionis** u mhux fost dawk dovuti **officio judicis**, għaliex, kif jgħid hu, is-sentenza tikkostitwixxi att tal-bniedem bħal konvenzjoni jew testment, u allura jkun dejjem esiġibbli bl-arretrati.

Illi l-kwistjoni jekk l-alimenti dovuti **officio judicis** jistgħu jintalbu bl-arretrati, għalkemm ġeneralment riżoluta fin-negativ taħt il-Kodiċi tal-1865 (nota 6 għall-art. 146 fl-edizzjoni annotata tal-Barbera), baqgħet dibattuta anke fl-Italia sal-Kodiċi l-ġdid tal-1942 li fl-aħħar ittronkaha meta, bl-art. 445, iddispona li huma dovuti biss mid-domanda ġudizzjali jew mill-kostituzzjoni in mora segwita b'domanda ġudizzjali entru sitt xhur.

Illi din il-Qorti pero hija ppreparata tikkonċedi, għall-finijiet ta' dan il-każ u għall-grazzja tal-argoment, tant li l-alimenti tal-mara huma dovuti **officio judicis** kemm li ħlief f'ċerti ċirkostanzi huma dovuti biss mid-domanda ġudizzjali, għax il-vera kwistjoni nvoluta fil-każ ta' l-attriċi, dik li, *kif ġie fuq premess, hija l-qofol* tal-kawża, ma hija l-ebda waħda minn dawn imma: dik jekk lill-mara miżżewġa tistax tiġi raġonevolment rifjutata l-awtorizzazjoni biex tesegwix-

xi **sentenza minnha preċedentement ottenuta**, u li biha l-kreditu tagħha jkun ġie ġa kanonizzat u magħmul insinwabbili art. 2128 (a) Kod. Ċiv. sakemm ir-raġel ma jiddekadix, għal xi raġuni permessa mil-liġi, jew jottieni ċ-ċessazzjoni tal-alimenti b'azzjoni apposita, li kif ġa ntqal, jista jkollha effett biss għall-futur.

Illi l-veru konvenut tat-teorija "mano alitur in praeteritum" huwa sempliċement li l-alimenti ma jistgħux **jintalbu għall-ewwel darba** bl-arretrati u mhux li dak li jkun ġa **talabhom** u **ottjenihom ġudizjarjament** irid, in segwitu, meta *jiġi biex jesegwixxi, jerġa jipprova l-bżonn tiegħu mill-*ġdid, għax allura jiġi li huwa jkun forzat jerġa jitlob mill-ġdid dak li jkun ġa talab u ottiena; mentri fil-kawżi ta' awtorizzazjoni tal-esekuzzjoni l-meritu antik qatt ma jerġa jiġi trattat, inkella dawk il-kawżi jsiru qishom ritrattazzjoni.

Illi għandu jkun evidenti kemm hija kbira d-differenza bejn talba għall-kundanna għall-alimenti u talba biex wieħed sempliċement jiġi awtorizzat jesegwixxi dik il-kundanna skond l-artikolu 256 tagħna. Dan huwa artikolu speċjali intis għal skop ferm differenti, ċioe biex jiġi aċċertat jekk sarx xi pagament imħabba li jkun għadda ċertu żmien u mhux biex jerġa jiġi rinvangat il-meritu kollu tal-kawża. Infatti kieku kellha tiġi segwita l-ġurisprudenza in kwistjoni l-kreditur tal-alimenti jiġi mqiegħed **f'posizzjoni aħjar** *milli kien qabel ma ottiena l-kundanna, mhux biss għar-*raġunijiet esposti f'parti preċedenti ta' din is-sentenza, imma wkoll għar-raġuni li mentri fil-kawżi tal-alimenti proprji l-bżonn tal-alimentand huwa **presunt** u l-oneru tal-prova kuntrarja jaqa fuq id-debitur, hawnhekk il-kreditur ġa kanonizzat *jiġi milqugħ bi presunzjoni kuntrarja* li l-bżonn tiegħu spiċċa, assurdament, minn dik in-nhar stess li nqagħet l-ewwel sentenza; u dana bi skarsa gratitudini tal-

fatt li huwa ma mbarazzax lid-debitur b'esekuzzjonijiet u noji kontinwi u qagħad jistennieh sakemm ġie f'posizzjoni finanzjarja aħjar.

Illi kieku kien korrett li l-arretrati dovuti b'sentenza *mhumiex suġġettivi ta' esekuzzjoni, allura tinqala kwistjoni* mhux biss taħt l-art. 256 Kodiċi Proċedura Ċivili imma anke fit-triennju minn mindu s-sentenza tista tiġi esegwita, b'dannu kbir tad-debitur tal-alimenti li jkollhom jissubixxu atti esekutivi kontinwi mill-konjuġi jew qraba ansjusi li ma jitilfux id-dritt tagħhom anke jekk iħallu xahar, jew ġimgħa, jew għal bżonn anki ġurnata, jgħaddu mingħajr ma jitolbuhom u jesiġuhom, u b'konsegwenti fomiti ta' diskordja u vessazjonijiet. Għall-kuntrarju s-sentenza qegħda biex jiġi affermat id-dritt u, fejn ikun il-każ, anke l-bżonn tal-alimentand,u għalkemm tista timbidel (tant fuq talba tal-kreditur kemm tad-debitur, skond il-viċissitudinijiet finanzjarji) hija b'dak **il-limitu biss** u b'limiti ieħor li issa sejjer jissemma, dejjem tikkostitwixxi ġudikat, bl-awtorita kollha tar-**res judicata,** li hija "fructus et finis legis".

*Illi nfatti l-**Azzariti** **ġa msemmi** jgħid* (op. cit. para. 579 pag. 117) li "Occorre poi appena avvertire che gli assegni alimentare sono realizzabili in virtu della sentenza che condanna alla prestazione, sempre che non siasi per essi verificata la prescrizione quinquennale stabilita dall'art. 2948." Għal dan l-artikolu tal-Kodiċi Taljan jikkorrispondi l-art. 2261 (b) tal-Kodiċi Malti. Il-preskrizzjoni ma ġietx sollevata f'dan il-każ.

Illi l-verita tista tiġi rijassunta f'kelma waħda, li taħt l-art. 256 ma jsirux kawżi ta' alimenti imma kawżi ta' awtorizzazjoni għall esekuzzjoni bħal ta' kwalunkwe sentenza oħra; dana apparti dak li nqtal u li l-Qorti tixtieq tenfasiz-

za, li l-alimenti tal-mara ma jiddependux mill-bżonn tagħha.

Illi difett ieħor fil-ġurisprudenza sotto eżami huwa illi mentri l-awtorizzazjoni "ad eseguire' ġiet meħuda għall-passat minħabba nuqqas ta' bżonn, ġiet konsentita għall-futur u anke għaż-żmien mid-domanda taċ-ċitazzjoni, li hija kontradizzjoni, għax jekk il-mara tiġi presunta (jekk qatt tista) li ma kienetx fil-bżonn sal-mument tal-presentata taċ-ċitazzjoni kif jista wieħed jissupponiha fil-bżonn minn dak il-mument il quddiem? (vide Vol. VII pag. 224, u Vol. IX pag. 693).

*Illi anki kieku din kienet kawża ta' alimenti, għandu jiġi,* imfakkar li l-kawżi ta' alimenti *għandhom jiġu kkunsidrati* b'favur (Merlin, Alimenti, pag. 375 No. 1, p. 376, No. VII) u wieħed ma jistax *lanqas* umanament *fid-dinja* tal-lum jagħmel argument "che quivi la carita prenda forma di diritto" (kif sar fil-Vol. VII, paġ. 470, u ara l-*kumment* tal-Borsari, loc. cit.). Karita mal-mara?

Illi wieħed kien ikun jista jgħid li t-talba tal-attriċi hija talba tal-alimenti **officio judicis** bl-arretrati kieku l-attriċi flok qegħda titlob awtorizzazjoni biex tesegwixxi sentenza qegħda issa għall-**ewwel darba** titlob l-alimenti kontra żewġha b'effett mill-1957 li ma humiex ċertament il-każ.

Illi l-uniku argument tal-ġurisprudenza in kwistjoni li baqa biex jiġi eżaminat huwa dak kontenut fis-sentenza numru 3 fuq imsemmija, ċioe dak li ġej mill-art. 29(2) tal-Kodiċi Ċivili. F'dik is-sentenza ntqal li l-alimenti ma jistgħux jintalbu bl-arretrati għaliex dak l-artikolu jiddisponi li l-kreditur tal-alimenti ma jistax jitlobhom mingħand id-debitur li jkun sar jista jagħtihomlu għaż-żmien li fih id-debitur ma kellux mezzi. Din hi sempliċi inferenza li tista tiġi faċilment konbattuta bl-argument l-ieħor li dik id-dis-

posizzjoni tipprova proprju l-kuntrarju, għax turi "a contrario senso" u fuq l-aforisma "ubi lex volint dixit" li barra milli fil-każ previst f'dik id-disposizzjoni, l-arretrati tal-aliment *jistgħu dejjem jintalbu. Kwantu mbagħad għall-bran* ta' Zacharia hemmhekk ċitat dan huwa kritikat mill-Borsari bħala wisq assolutist u wisq stringat *fil-konċessjoni tiegħu*, b'*mod li l-annotaturi tiegħu ma setgħux jaqblu ma* xulxin.

Illi s-sentenzi l-oħra wara l-ewwel tlieta aċċettawhom fuq l-awtorita tagħhom biss, imma minħabba l-evidenti ħruxija tar-regola fihom enunċjata anke kontra l-mara innoċenti, ippruvaw jimmitigaw xi ftit ir-regola, speċjalment dik fin-numru 6.

Illi għar-raġunijiet premessi din il-Qorti ma taqbelx mal-gurisprudenza hawn fuq analizzata u tirritieni, bħala proposizzjoni ta' liġi, li l-mara miżżewġa li għandha sentenza tal-alimenti kontra l-konjuġi l-ieħor m'hijiex impeduta titlob l-arretrati ta' dawk l-alimenti, salvo naturalment li *tikkonforma, fejn hu l-każ, mal-art. 256 Kodiċi Proċedura* Ċivili, u sakemm żewġha stess ma jkunx iddekada minnhom għal xi raġuni permess mil-liġi jew talab u ottjena mill-Qorti ċ-ċessazzjoni jew il-modifika ta' dawk l-alimenti minħabba nuqqas ta' mezzi tiegħu.

Illi, apparti mill-premess, u subordinatament għalih, din il-Qorti tirritjeni wkoll illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ preżenti l-attriċi ppruvat motiv ġust biex ma tesegwix is-sentenza qabel, għax ma kienx hemm flus f'Malta ta' żewġha f'idejn il-konvenuta oħtu jew ħaddieħor li fuqhom setgħet tesegwixxi, u jkun ħruxija li din il-Qorti m'hijiex preparata tinkoraġġixxi li wieħed, jippretendi li l-mara fl-assenza ta' żewġha fl-Awstralja, tieħu l-pass estrem li ġġiblu l-beni in

diviżjoni meta l-familja tiegħu forsi ma tiġġudikax il-mument opportun għall-bejgħ, u b'hekk tipprovoka subasta f'kondizzjonijiet għall-bżonn sfavorevoli għal żewġha u għal ħutu, b'evidenti perikolu ta' rappresalji, u speċjalment kunsidrat il-fatt li sakemm dawk il-beni kienu għadhom posseduti "pro indiviso" hija ma tistax iġġibhom in subasta u fl-istess ħin lanqas ma tista tikkonduċi sew il-kawża ta' likwidazzjoni, għax min hu barrani għall-familja u ma jafx *il-fatti minn ġewwa* x'aktarx *imur minn taħt* avvolja l-liġi tagħtih l-azzjoni surrogatorja.

*Illi* barra minn dan *illum, kieku kellha kellha* tiġi segwita l-ġurisprudenza l-antika hemm każ ċar biex tiġi mdaħħla eċċezzjoni ġdida barra min dawk ġa rikonoxxuti tal-motiv ġust tal-inazjoni u tad-dejn, u ċioe dak tal-persuna alimentanda li minħabba l-indifferenza tad-debitur speċjalment meta jkun żewġha tiġi umiljata u mixħuta fuq l-aħħar risorsa tal-għajnuna soċjali, li hija ntisa biex tipprevieni li n-nies fil-bżonn jerġħu jsiru tallaba fit-toroq. Il-fatt tarriċezzjoni tal-għajnuna soċjali li, kif jaf kulħadd huwa soġġett għal ħafna investigazzjonijiet u reviżjonijiet perjodiċi *m'n-naħa tal-Gvern, juri (kieku qatt kien meħtieġ) il-bżonn* tal-attriċi f'dawn l-aħħar snin u li l-każ jista liberament jiġi ekwiparat għall-każ ta' dak li jkollu jiddejjen biex imantni ruħu; infatti l-Gvern għandu azjoni ta' regress kontra d-debitur tal-alimenti daqs min jissomministra l-alimenti lill-mara miżżewġa minflok ir-raġel morus, u dana biex ma jkunx hemm arrikkiment indebitu da parti tar-raġel minn fuq dahar l-erarju pubbliku u ċ-ċittadini tajba li jżommuh wieqaf bit-taxxi li jħallsu.

Illi ġie ppruvat li l-attriċi qegħda tgħix b'xi ħaġa żgħira li jagħtiha l-Gvern kull xahar u kellha tbati biex sissa żammet ruħha u ġisimha flimkien.

Illi ġie assodat ukoll illi l-attriċi qatt ma rċeviet xejn mingħand żewġha mis-sentenza *il-hawn, u għalhekk* l-awtorizzazjoni mitluba hija ġustifikata.

Illi jekk l-attriċi għandha tiġi ammessa għar-rati li skadew *qabel,* "*a fortiori*" *għandha tiġi ammessa għar-rigward* tar-rati li skadew wara l-presentata taċ-ċitazzjoni u għal dawn li għad iridu jiskadu.

Illi fuq l-ispejjeż, l-konvenuta nomine u speċjalment ħuha minnha rappresentat, kien messhom jafu li l-attriċi kellha motiv raġonevoli biex ma esiġietx l-alimenti fl-imgħoddi u anzi wriet riserbatezza kbira meta ma pprovokatx id-diviżżjoni, mentri minflok huma ħallewha tbati, u għalhekk il-Qorti ma ssibx lok għal temperament.

Rat in-nota li biha l-konvenuta nomine appellat minn dik is-sentenza u l-petizzjoni tagħha li biha talbet li tiġi riformata fis-sens illi jiġi minn din l-Qorti deċiż illi t-talba ta' l-attriċi tiġi milqugħa biex tottjeni l-pagament tar-rati tal-pensjoni alimentarja skaduti wara l-preżentata taċ-ċitazzjoni u ta' dawk li għad iridu jiskadu u l-istess talba tiġi miċħuda għar-rati arretrati u skaduti sad-dsatax ta' Novembru, 1963, u l-kap ta l-ispejjeż jiġi deċiż fis-sens li dawk ta prim istanza jibqgħu mingħajr taxxa u dawk ta l-appell tħallashom l-attriċi.

Rat ir-risposta ta l-attriċi li qalet illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

B'sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta

Tagħha tal-ħamsa u għoxrin ta Mejju, 1957, l-attriċi kienet ottenjiet is-separazzjoni tagħha minn żewġha, Giuseppe Gauci, fuq il-kawżali ta adulterju kommess minnu u l-kundanna tiegħu għall-ħlas lilha ta pensjoni alimentarja ta' lira u tnax-il-xelin (£1.12.0) fil-ġimgħa. Giuseppe Gauci kien dak iż-żmien jinsab l-Awstralja fejn, skond l-imsemmija sentenza, hu kien notarjament jgħix ma mara oħra. Hu kien ilu li telaq minn Malta xi tlettin sena u minn dak iż-żmien il' hawn anqas biss qatt kiteb lill-attriċi. Nonostanti dik is-sentenza, ebda manteniment ma ġie qatt imħallas lill-attriċi minn jew għan-nom ta' żewġha. Issa, billi jidher illi Giuseppe Gauci wiret xi beni mill-eredita ta' ommu li fuqhom id-dritt ta' l-attriċi għall-alimenti kontra tiegħu jista jiġi konsegwit, u billi, pero, għaddew aktar minn tlett snin minn mindu l-imsemmija sentenza setgħat tiġi eżegwita, l-attriċi qegħda titlob biex tiġi awtorizzata tesegwixxi dik is-sentenza biex tottjeni l-ħlas ta' l-alimenti akkumulati sal-ġurnata tal-preżentata taċ-ċitazzjoni f'din il-kawża — ammontanti għal ħames mija u ħamsin lira u tmien xelini (£550.8.0), u l-ħlas tar-rati li skadew minn dik id-data u għad jiskadu għall-quddiem.

L-ewwel Onorabbli Qorti laqgħet it-talba ta' l-attriċi għal kollox.

Issa l-konvenuta nomine, b'dana l-appell, qiegħda titlob kif ġa ntqal, illi s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tiġi kkonfermata in kwantu t-talba ta' l-attriċi ġiet milqugħa relativament għar-rati tal-manteniment li skadew mill-preżentata taċ-ċitazzjoni l'hawn u għad jiskadu għalli ġej iżda revokata in kwantu dik it-talba ġiet milqugħa relativament għar-rati skaduti u akkumulati sa dik id-data.

Kif ġa osservat l-ewwel Onorabbli Qorti, l-ewwel kwist-

joni hija dik jekk l-alimentand jistax jippretendi l-ħlas ta' arretrati ta' alimenti ġa akkordati b'sentenza, ħlief f'ċerti każijiet eċċezzjonali li aktar il-quddiem ser jissemmew. It-tieni kwistjoni hija waħda aktarx ta' fatt u ċioe jekk, suppost illi t-tweġiba għal-l-kweżit legali hi negativa, (jiġifieri li l-alimentand ma jistax jitlob l-arretrati ħlief f'dawk il-każijiet eċċezzjonali), l-attriċi ppruvatx, b'dana kollu, li hi, fil-każ preżenti, tidħol fost dawk l-eċċezzjonijiet.

Proprjament, s'intendi, għat-tieni indaġini jkun hemm lok fil-każ biss illi l-ewwel kwistjoni tiġi riżoluta negativament kif hawn fuq intqal, u ma jkunx hemm lok għaliha jekk l-ewwel kwistjoni tiġi riżoluta affermativament fis-sens ċioe illi l-arretrati ta' alimenti dovuti b'sentenza jistgħu, in ġenerali, jintalbu dejjem.

L-ewwel Onorabbli Qorti, pero eżaminat u rrisolviet anki t-tieni kwistjoni, nonostante li fuq il-kwistjoni legali, kienet waslet għal-konklużżjoni favorevoli għall-attriċi. Dik il-Qorti difatti irriteniet bħala proposizzjoni ta' liġi illi mara miżżewġha li għandha sentenza ta' alimenti kontra żewġha, m'hijiex impeduta milli titlob l-arretrati ta' dawk l-alimenti, salvo naturalment li tikkonforma ruħha, fejn ikun il-każ, ma l-artikolu 256 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, sakemm żewġha stess ma jkunx ġie meħlus minnhom għal xi raġuni permessa mil-liġi jew talab u ottjena mill-Qorti ċ-ċessazzjoni jew il-modifika ta' dawk l-alimenti minħabba nuqqas ta' mezzi da parti tiegħu.

Dik il-Qorti, b'dana kollu, kompliet tirritjeni illi fi kwalunkwe każ, l-attriċi fil-kawża preżenti pruvat motiv ġust li minħabba fih hi ma eżegwitx qabel is-sentenza ta' l-alimenti u għalhekk hi ntitolata għall-ħlas ta' l-arretrati anke jekk jingħad, għall-grazzja ta' l-argument illi bħala regola l-ar-

retrati ta' l-alimenti akkordati b'sentenza ma jistgħux jintalbu.

L-appellanti timpunja tant l-ewwel kemm it-tieni konklużżjoni ta' l-ewwel Qorti. Dwar l-ewwel waħda rigwardanti l-kwistjoni legali, l-appellanti, bla ma b'xejn mod ma ddiskutiet ir-raġonamenti magħmulin fis-sentenza appellata, invokat il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li hi f'sens kuntrarju għal-dak li rriteniet l-ewwel Qorti. Dwar it-tieni konklużżjoni, l-appellanti tissottometti illi l-attriċi setgħat, kieku riedet, teżegwixxi s-sentenza ta' l-alimenti żmien qabel issa, almenu mill-erbgħa ta' Ġunju, 1959 meta saret id-diviżżjoni tal-wirt ta' Dun Giuseppe Gauci.

Min punto di vista purament prattiku, din il-Qorti tista faċilment tiddisponi minn dan l-appell billi tgħid illi taqbel — kif intqal bla ma ġie kontnraddett f'din il-kawża — li tindinata ta' fatt raġġunta mill-ewwel Qorti kif issemma hawn fuq, u mar-raġunijiet li fuqhom dik il-konklużżjoni hi bbażata. Anki għab-bażi ta' din il-konklużżjoni biss, l-appell ta' l-konvenuta nomine jistħoqq li jiġi miċħud. L-attriċi, meta otteniet is-sentenza kontra żewġha ppremurat ruħha — kif intqal bla ma ġie kontraddett f din il-kawża — li tinsinwaha biex żgur tikkonserva d-drittijiet tagħha sakemm jasal il-mument li jkun opportun biex teżegwixxi dik is-sentenza fuq il-beni immobili li żewġha kien ser imissu mill-wirt ta' ommu. Intant hi, mara xiħa u weħidha, priva minn kull mezzi oħra ta' sussistenza, li żewġha inġustament u illegalment kien ċaħdilha minn mindu abbandunaha u ttradiha ma mara oħra, għexet kif setgħet bix-xi ħaġa provduta, lilha mill-assistenza pubblika.

Iżda kieku din il-Qorti kellha tiddeċiedi u tiċħad l-appell fuq din il-bażi biss, għad illi r-riżultat prattiku kien

ikun xorta waħda, kienet tkun tonqos l-ewwelnett mir-rigward dovut lill-Ġudikant ta' prim istanza li studja u eżamina l-kwistjoni ta' prinċipju b'analisi koxjenzjusa u penetranti; u fit-tieni lok kienet tkun tonqos mid-dmir tagħha bħala l-Qorti li minn għandha hi mistennija gwida fi kwistjonijiet legali mportanti. Għalhekk hu ġust u doveruż illi din il-Qorti teżamina hi wkoll il-kwistjoni ta' *massima* u *tesprimi l-opinjoni tagħha fuqha.*

**Ma hemmx dubju** — u dana rikonoxxjetu u qalitu espressament anki l-ewwel Qorti — illi l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna minn żmien relativament twil u, ħlief f'xi każijiet sporadiċi, konsistentement, aċċettat il-prinċipju illi l-aliment arretrati dovuti 'officio judicis' — għad-distinzzjoni ta' dawk dovuti 'jure actionis' — ma jistgħux jiġu mitluba ħlief fil-każ *illi l-kreditur ta' l-alimenti jipprova li għamel* dejn biex imantni ruħu jew juri motiv ġust għaliex ma esiġihomx fiż-żmien illi mesus.

**Minbarra s-sentenzi** speċifikatament imsemmijin fis-**sentenza appellata,** hemm għadd konsiderevoli ta' sentenzi **oħra, anki** fil-Kollezzjoni stampata, li segwew u applikaw **dak** il-prinċipju.

L-ewwel Onorabbli Qorti dehrilha għar-raġunijiet żvolti minnha, illi ma setgħatx issegwi l-istess prinċipju.

**Issa,** s'intendi, hi ħaġa l-aktar magħrufa illi l-awtorita ta' prinċipju legali aċċettat mill-Qrati għal ċertu żmien, hi kbira ħafna u l-Qrati mhux faċilment iwarrbu prinċipji aċċettati minhom għal bosta żmien: "Judex a auctoritate rerum perpetuo similitur judicatorum non facile recedere debet:" Dan għandu jkun hekk anki fl-interess taċ-ċertezza' tal-liġi li hi, bla dubju ħaġa importantissima.

Iżda hu ugwalment ċar illi dan ifisser illi l-prinċipji aċċettati mill-Qrati f'kawżi oħra ma għandhomx jitbiddlu spiss u bla raġuni, u ma jfisserx illi prinċipju, darba affermat u aċċettat, ma' jista jinbidel qatt. F'sistema bħal tagħna ta' liberu konvinċiment, ġudikant ma jistax jittrinċera ruħu wara l-preċedent, jekk wara eżami profond u ansjus isib ruħu fl-impossibilita li jsegwih. U dana l-Qrati tagħna rrikonoxxewh u affermawh minn dejjem. Kif din il-Qorti qalet fil-kawża "Cutajar vs. Quirolo" (App. Ċiv. 1 ta' Diċembru, 1961): "Fil-waqt illi l-ġudikati preċedenti għandhom ċertament jitqiesu bl-akbar rispett, dana naturalment ma jfisserx illi l-kwistjoni ma tistax tiġi rieżaminata fid-dawl ta' argomentazzjonijiet ġodda sottomessi lill-Qorti, kif il-Qrati tagħna ma eżitawx li jagħmlu kull meta kien il-każ, għar-raġuni illi, kif qalet din il-Qorti fis-sentenza riportata fil-Kollez. Vol. V pp. 575-6: "Per quanto una costante gurisprudenza debba essere rispettata dai Tribunali, se pero nell'interesse della amministrazione della giustizia è richiesto di non poter più abbracciare una dottrina precedentemente ammessa, diviene dovere dei giudicanti di dipartirsene e non di perseverare in quella di cui l'esperienza o la teoria hanno loro dimostrato l'errore."

Il-kwistjoni mela hija jekk hemmx tassew raġunijiet gravi u mpellenti li jġegħelu l-Qorti tabbanduna l-ġurisprudenza anterjuri.

Kif ġa rrilevat l-ewwel Onorabbli Qorti, ir-regola hawn fuq imsemmija illi, ċioe, l-arretrati ta' alimenti dovuti "officio judicis" ma jistgħux, in ġenerali, jiġu mitluba, irradikat ruħha fl-ġurisprudenza tagħna wara li fil-bidu kienet ġiet affermata f'sentenza ta' prim' istanza ("Lorenzo Agius vs. Dr. Francesco Frendo noe". Vol. VI p. 610) segwita minn sentenza oħra ta' l-istess Imħallef fil-kawża "Rizzo vs. Rizzo" (Vol. VII p. 24).

Din il-Qorti jidhrilha illi għandha tirrikapitola fatti ta' l-ewwel kawża — kif ġa għamlet l-ewwel Qorti —, iżda l-aktar minħabba ċ-ċirkostanza li ser tissemma hawn taħt u li ma ġietx rilevata mill-ewwel Qorti.

Missier, li b'sentenza tal-ħamsa (5) ta' Marzu, 1862 kien ġie kkundannat iħallas l-alimenti lill-ibnu, ġie bl-imsemmija sentenza "Aglus vs. Dr. Frendo", fuq talba tiegħu, dikjarat eżenti minn dak l-obbligu, anke retroattivament għal żmien ta' tmien snin qabel id-domanda tiegħu, peress illi ma tul dak iż-żmien it-tifel ma kienx esiġa dawk l-alimenti u kellu jitqies li ma kienx fil-bżonn. Ir-raġonament legali li segwit il-Qorti f'dik il-kawża kien sostanzjalment dana, illi fil-każ ta' alimenti akkordati minħabba l-bżonn ta' min jitlobhom, meta tispiċċa n-neċessita għandhom ukoll jispiċċaw il-konsegwenzi. Is-sentenzi li bihom *"officio judicis"* jiġu assenjati alimenti huma min natura tagħhom provviżorji għar-raġuni illi, għal kull kambjament fiċ-ċirkostanzi ta' min jissomministrahom jew ta' min jirċevi l-alimenti, huma soġġetti li jiġu modfikati jew revokati. Il-Qorti ċċitat lill-Surdus li kiteb illi "Quando alimenta debentur solum officio judicis tunc praeteriti temporis ratio non habetur et qui habuit alinnde, vel ex sua industria vel erogatione aliorum, petere ea non potest."

Issa — u din hi ċ-ċirkostanza li l-Qorti qalet hawn fuq li ***ser tissemma*** — ***dik is-sentenza ġiet revokata fl-appell*** (allura presiedut mill-President Sir Antonio Micallef u l-Imħallfin Dr. Giovanni Conti u Dr. Salvatore Naudi) fuq il-motivazzjoni, għal dik li hi l-parti rilevanti għad-diskussjoni preżenti, hawn taħt ċitata testwalment:—

"Che dalle prove fatte dall'attore non è costato dell'estinzione della sua obbligazione verso il convenuto per gli ali-

menti dichiarati da lui dovuti allo stesso convenuto colla sentenza calendata nella citazione e pagabili sino al giorno della domanda espressa nella citazione — **e cio, stante il difetto di concorso di qualcuna dei modi riconosciuti dalla legge come importanti l'estinzione di un' obbligazione, in origine nascente** dalla disposizione della legge, ed indi dichiarata esecutoria, in conseguenza dell'ezercizio di un azione approvata col giudicato." (Vol. VI p. 735).

Din il-Qorti ma jidhrilha li għandu jkun hemm ebda dubju illi din il-motivazzjoni tfisser u tista tiġi parafrasata b'dan il-mod li ġej. Dak li kiteb Surdus u l-awtoritajiet l-oħra, huwa ċertament veru fis-sens illi l-alimenti dovuti biss bis-saħħa tal-liġi minħabba r-raġuni tal-bżonn ma jistgħux jiġu eżegwiti bil-mezzi legali sa kemm ma jkunux dekretati bil-ministru tal-Qorti. Jekk bniedem li skond il-liġi jista jitlob l-alimenti minħabba li fil-bżonn, fil-fatt jipprovidihom lilu nnifsu bix-xogħol tiegħu jew għax imantnieh ħaddieħor, hu ma jistax jitlob dawk l-alimenti **għall-imgħoddi**, għax tonqos il-kondizzjoni tal-bżonn. **Imma meta l-alimenti jkunu ġa ġew dekretati bis-sentenza tal-Qorti,** allura d-debitur kundannat għall-prestazzjoni tagħhom ma jistax jippretendi li jiġi meħlus mill-ħlas tagħhom ħlief jekk jirrikorri xi wieħed mill-modi li fihom, skond il-liġi, tiġi estinta obbligazzjoni li għalkemm fl-oriġini tagħha derivanti mil-liġi, tkun ġiet kanonizzata fuq azzjoni tal-kreditur, akkolta b' sentenza li saret ġudikat. Is-sempliċi inazzjoni tal-kreditur li jesiġi l-alimenti għal xi żmien wara s-sentenza, **mhux** wieħed mill-modi ta' l-**estinzzjoni** ta' l-obbligazzjoni taddebitur rikonoxxut mil-liġi, ħlief jekk tirrikorri l-preskrizzjoni. Għad illi hu veru illi s-sentenzi li jakkordaw alimenti dovuti "ex lege", jistgħu, jekk jinbidlu ċ-ċirkostanzi, jiġu modifikati jew mħassra, dan jgħodd **għal quddiem**, talvolta mill-ġurnata tad-domanda għal dik il-modifika jew revoka, u **jista jsir bis-saħħa ta' sentenza oħra. F'dan** is-sens

is-sentenzi ta' l-alimenti ma jikkostitwux "res judicata" bejn il-partijiet. Iżda ma jfisserx illi dawk is-sentenzi ma humiex "ġudikat" vinkolanti u obbligatorju sa kemm ma jiġux hemm varjati jew modifikati.

Hekk tifhem li riedet tfisser il-Qorti f'dak l-appell meta rrivokat is-sentenza fuq imsemmija ta' prim' istanza.

Iżda għal xi raġuni li din il-Qorti ma tistax tispjega, ġara ħili, fil-waqt li f'sentenzi sussegwenti, baqgħet tiġi ċitata bħala awtorita u segwita s'sentenza ta' pim' istanza, ebda riferenza, sa fejn setgħat tara l-Qorti fir-riċerki tagħha, qatt ma saret għas-sentenza ta' l-appell li rrevokata. Eppure, kif ser jintwera aktar il-quddiem, din il-Qorti hi bir-rispett kollu ta fehma, illi l-prinċipju, legali korrett hu dak adottat fl-appell.

Ir-regola kuntrarja segwita, kif intqal, fil-ġurisprudenza tidher li ġiet formulata forsi bl-aktar mod komplet, salvi sviluppi żgħar fis-sentenza tal-Prim' Awla fil-kawża "Giuseppa Mizzi vs. Antonio Mizzi" (Vol. IX p. 692) li kienet, bħall-*kawża* present', tirrigwarda domanda ta' mara biex tiġi awtorizzata teżegwixxi sentenza ta' alimenti kontra żewġha. Il-Qorti qalet:—

> "E' notissima la distinzione tra gli alimenti dovuti 'jure actionis', cioe per donazione, testamento o convenzione, e quelli dovuti per sola disposizione della legge, ossia 'pietatis causa': che i primi *si devono trattare come un vero credito, e vi sono* applicabile le regole ordinarie dei contratti, non sono soggetti a variazione in piu o in meno, e se ne puo domandare il pagamento delle annualita scadute; mentre dei secondi non si possono domandare gli arretrati, tranne il caso in cui il creditore

degli alimenti abbia contrattato debiti per tale effetto: perche se egli ha vissuto trascurando di far eseguire la sentenza, il fatto stesso prova che non era nel bisogno (Demolombe, Alimenti, Num. 70 e 71)."

Il-każ prospettat minn Demolombe fil-paragrafi ċitati huwa dan li ġej:—

"Un padre dovendo 1,000 franchi di pensione annuale a suo figlio, in seguito di una convenzione o di una sentenza, non ha nulla pagato per lo spazio di tre anni: eppuro il figlio si fa a reclamare 3,000 franchi. Lo puo egli?

Se il figlio ha vissuto durante questi tre anni senza contrarre debiti *per i suoi bisogni alimentari*, se, per esempio, abbia trovato lavoro, un impiego, un posto ec, ec, il fatto stesso ha provato che non era bisognoso per consegwenza il debito alimentare del padre non aveva causa. Per lo che la sua domanda dovra essere rigettata."

Forsi jista jiġi osservat 'en passant', qabel ma l-Qorti tgħaddi oltre, illi l-prinċipju kif formulat mill-Prim' Awla fl-imsemmija sentenza u riportat hawn fuq, allarga r-regola impliċita fl-eżempju prospettat minn Demolombe. Dik is-sentenza *kkostitwit is-sempliċi fatt illi l-kreditur ta'* alimenti jittraskura li jeżegwixxi s-sentenza bħala l-prova fih innifsu tan-nuqqas tal-bżonn tiegħu, mentri dak li, fit-test ta' Demolambe hu meqjus bħala dik il-prova huwa l-fatt illi l-kreditur ikun għex billi sab impjeg, xogħol, post eċ., Jidher ċar illi ż-żewġ affarijiet m'humiex l-istess ħaġa.

Apparti minn dan, pero, l-opinjoni ta' Demolombe hi

rifless tad-dottrina ġenerali tiegħu illi l-pensjonijiet alimentari dovuti 'ex officio pietatis' ma jagħtux lok għall-arretrati. Hu sostna illi d-debitu għall-alimenti ta' din ix-xorta hu fondat unikament fuq il-bżonn u l-unika kawża effiċjenti u ġeneratriċi tiegħu hija preċiżament din in-neċessita. Dan id-debitu, għalhekk mhux debitu ordinarju li għalih għandhom japplikaw rigorosament il-prinċipji eżatti tad-dritt ċivili. L-obbligazzjoni alimentari — fit-teorija ta' dan li skrittur insinji — mhix ħaġ'oħra ħlief il-karita, il-benefiċenza, biex wieħed jgħid hekk, organizzata legalment.

Issa din id-dottrina, għalkemm tidher li kienet kondiviża min awturi oħra u komunement aċċettata, dak iż-żmien, mill-Qrati Franċiżi, kellha wkoll il-kritiċi tagħha. Fosthom il-Qorti tixtieq tissenjala l-Baudry — Lacantinerie, ġa ċitat mill-ewwel Onorabbili Qorti, u ser tirriporta testwalment il-kritika tiegħu għaliex, fuq terren **tant legali kemm ta' moralita**, tirrispondi, fil-fehma tal-Qorti, kompletament għat-teorija in diskussjoni.

"Si dice in suo favore" — jgħid il-Baudry-Lacantinerie — "che l'evento stesso ha provato che il creditore non era in bisogno e per conseguenza il debito alimentare dell'obbligato non aveva causa? Ma anzi tutto potrebbe darsi benissimo che soltanto imponendosi le piu dure privazione e condannandosi ad un genere di esistenza che il giudice non aveva creduto tutta via di potergli imporre, la persona che aveva diritto agli alimenti avesse trovato il mezzo di farne a meno" (Il-każ presenti hu illustrazzjoni prattika ta' din il-verita: l'attriċi "eżistiet" bit-tqanċiċ ta' dak li rċeviet mill-assistenza pubblika). In simile cirkostanza, sarebbe del tutto falso pretendere che il bisogno non esistesse. La verita sarebbe che, essendo i bisogni indefinitamente riducibili, il creditore avrebbe, per un legittimo sentimento di fierezza, preferito ridursi al nulla o quasi, piuttosto che esi-

gere forzatamente una assistenza che sarebbe stato empio rifiutargli. In diritto, del resto, la diminunzione o la scomparsa del bisogno non infirma in nulla la forza del regolamento, amichevole o giudiziario, intervenuto tra gli interessati: essa permetta soltanto di reclamarne la modificazione per l'avvenire. *Perchè dunque il debitore che prima di ottenere* questa modificazione e forse senza pensare a darsi la pena di chiederla, sospende il pagamento della pensione, con la sua autorita privata, sarebbe meglio trattato di colui che la continuasse fedelmente e puntualmente in questa occorrenza, e che non ha alcuna ripetizione da esercitare? Forse per eccitare in tal modo gli obbligati a mettersi in mora, nella segreta speranza di venir esonerati dagli eventi di una parte del loro debito, e per dare un premio ad una cattiva volonta che non è mai maggiormente colpevole di quando si tratta dell'esecuzione dell'obbligo alimentare" (Delle Persone, Vol. III § 2104).

Anki hawn, il-Qorti ma tistax ma tieqafx għall-mument biex tirrifletti illi dak appunto li jikkundanna l-Baudry kien ikun irriżultat ta' l-applikazzjoni għall-każ presenti tal-prinċipju tal-ġurisprudenza in kwistjoni, ċioe li jingħata premju lil Ġiuseppe Gauci talli għal dawn is-snin ħalla lil martu bla ebda manteniment, fil-waqt illi — skond is-sentenza fuq imsemmija tas-separazzjoni — hu żamm u preżumibilment mantna konkubina.

U l-każ presenti ma jidherx li hu xi każ partikolarment rari jew improbabili. Ovvjament hu każ wisq iktar prattiku u verosimili mill-każ astratt prospettat u mqiegħed għabbażi tat-teorija, minn Demolombe!

Imma kieku si trattava li l-ġurisprudenza *in kwistjoni* — kif hemm każijiet oħra ta' ġurisprudenza — għażlet waħda minn żewġ teoriji jew dottrini jew iżjed, u per di

pju dik li tidher li kienet prevalenti, f'materja, nghidu aħna, ta' test ta' liġi dubju jew oskur il-Qorti ċertament ma kienetx tħossha faċilment ġustifikata li tiddisturbaha. Jekk din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, sejra tiddiskosta ruħha minn dik *il-ġurisprudenza*, dan hu għaliex, fil-fehma tagħha, wara eżami u analisi ansjusi, il-prinċipju tagħha ma jirrispondiex għall-konċetti aċċettabbili fi żmienijietna fi kwalunkwe każ ma jidherx applikabbli għall-fattispeċje tal-każ presenti; ma hu sostnut minn ebda test tal-liġi; anzi hu konfliġġenti ma prinċipji oħra aċċettati mill-Qrati tagħna; u joħloq konflitti u anomalji nġustifikati.

Fi żmienijietna—kif ġa osservat l-ewwel Qorti—wieħed għandu d-dritt jikkwerela l-affermazzjoni tad-dottrina anterjuri illi l-obbligu ta' l-alimenti bejn stretti parenti mhux ħlief "il-karita" legalment "organizzata". Fl-obbligu tal-missier jew ta' l-omm li jmantnu lill-uliedhom fil-bżonn, jew fl-obbligu ta' l-ulied li jmantnu lill-ġenituri tagħhom, wieħed għandu dritt jara wisq iżjed minn "karita" kif din il-kelma hi użwalment mifhuma. Applikat, imbagħad, il-konċett ta' "karita" għall-obbligu tar-raġel li jmantni *lill-martu*, ir-ripunjanza hi aktar profonda.

U hawn tidħol konsiderazzjoni li hi direttament rilevanti għall-każ presenti u li ġustament okkupat l-attenzjoni ta' l-ewwel Qorti. Hi ħaġa ovvja illi Qorti li għandha kawża quddiemha hi imsejha biex tiddeċiedi dik il-kawża u mhux biex tistabbilixxi prinċipji ġenerali jew astratti ħlief in kwantu dawn jistgħu jkunu neċessarji għas-soluzzjoni tal-każ partikolari. Għalhekk id-distinzjonijiet neċessarji għall-każ għandhom naturalment isiru.

Il-każ presenti hu dak ta' mara miżżewġa li qiegħda titlob li tiġi awtorizzata biex teżegwixxi sentenza ta' ali-

menti ġa ottenuta kontra żewġha. L-ewwel Qorti kkonċentrat l-eżami tagħha fuq il-prinċipju in kwantu sata jew ma satax japplika għal dak il-każ. Hi dehrilha illi l-prinċipju bbażat fuq id-dottrina tad-Demolombe jew tat-testi tad-Dritt Roman jew tal-pratiċi ma satax jiġi estiż għall-każijiet bħal dak preżenti, anki jekk stess kien validu fir-relazzjonijiet bejn parenti oħra. Ir-raġuni hi — qalet l-ewwel Qorti — illi l-bażi kollha ta' dik id-dottrina, in kwantu teskludi l-alimenti arretrati, hija l-preżunzjoni jew, talvolta, il-prova, tan-nuqqas tal-bżonn fl-alimentand, mentri l-obbligazzjoni tar-raġel li jmantni lill-martu mhix kondizzjonata jew relatata mal-bżonn tagħha.

Tassew jidher, sa fejn setgħat tara l-Qorti illi fid-dottrina u t-testi nvokati fl-ewwel sentenzi fuq imsemmija, ir-relazzjonijiet kontemplati ma kienu qatt, speċifikatament, dawk tal-miżżewġin bejniethom. Hu, indubbjament. veru wkoll, kif irrilevat, l-ewwel Qorti, illi fil-waqt li l-alimenti tat-tfal u qraba msemmijin fis-Sub-Titolu II tat-Titolu I tal-Kodiċi Ċivili jiddependu mill-bżonn ta' l-alimentand, oltre li mill-mezzi tad-debitur, dawk tal-mara ma humiex kondizzjonati għall-bżonn tagħha, ħlief meta tkun miexja kawża ta' separazzjoni. Il-ġurisprudenza tagħna stess irriteniet illi l-mara għandha dritt għall-alimenti minn għand żewġha anki jekk hi għandha proprjeta tagħha jew għandha mpjeg b'salarju, sa kemm ma tiddekadix minn dak id-dritt skond il-liġi (ara, e.g. Vol. XXV, I, 186). Id-distinzzjoni ta' bażi ġuridika bejn l-obbligu tal-manteniment da parti tar-raġel lejn martu u dak tal-ġenituri jew qraba oħra ġiet ukoll rilevata mill-Qrati tagħna f'sentenzi oħra fuq ir-rifless illi l-alimenti tal-mara minn żewġha jitqiesu mhux mil-bżonn tagħha "biex tgħix" iżda skond il-mezzi u l-istat soċjali tiegħu (ara ibid. p. 50). Ġie, sa anki ritenut xi drabi illi — apparti minn sentenza preċedenti ta'

kundanna tar-raġel — id-dritt tal-mara għall-alimenti mingħand żewġha jispetta lilha "jure actionis" (Vol. XXXII, I, 133).

Jekk dawn id-distinzzjonijiet huma validi u wieħed jaċċettahom, wieħed ma jkunx jista fl-istess ħin isegwi għall-każ bħal preżenti d-dottrina u l-ġurisprudenza in diskussjoni, għax huma jeliminaw il-bażi stess li fuqha dik id-dottrina u ġurisprudenza huma mibnija u jirrenduha, kwindi, inapplikabbli.

Iżda din il-Qorti taħseb illi hemm raġunijiet aktar ġenerali u legalment fondamentali għaliex għandha seħħ il-konklużżjoni raġġunta mill-ewwel Qorti u anki dawn ir-raġunijiet huma wkoll rilevati jew adombrati fis-sentenza appellata.

L-ewwel u l-aqwa fost dawn ir-raġunijiet hi dik stess kompendjosament affermata minn din il-Qorti fis-sentenza "*Agius vs. Dottor Frendo noe*" ġa fuq *imsemmija, ċioe illi* **meta ġa hemm sentenza ta' kundanna għall-alimenti**, id-debitur tagħhom ma jistax jippretendi li jkun liberat mill-obbligazzjoni derivanti minn dik il-kundanna, sa kemm ma jkunx hemm xi **raġuni ta' estinzjoni** ta' dik l-obbligazzjoni, **rikonoxxuta mil-liġi**. Is-sempliċi inazzjoni tal-kreditur li jeżegwixxi dik is-sentenza għal xi żmien m'hijix raġuni tali fiha nnifisha. Għad illi fl-oriġini tagħha l-obbligazzjoni ta' l-alimenti tkun derivanti mil-liġi u, jekk ma tiġix volontarjament eżegwita u jkunu jirrikorru l-kondizzjonijiet tagħha, jinħtieġ l-"officium judicis" biex tista tiġi ġudizzjarjament inforzata, una volta istitwita l-azzjoni tal-kreditur u din tiġi approvata bil-ġudikat, dan, sa kemm jibqa jseħħ skond il-liġi, hu t-titolu f'idejn il-kreditur biex jeżiġi l-alimenti kanonizzati bih.

Fil-fehma tal-Qorti hija manifestament korretta l-opinjoni *ta' Quartarone ċitat mill-ewwel Qorti*, fis-sens li jekwipara l-alimenti fissati b'sentenza — sa kemm tibqa in *vigore* — *għal dawk miftehma b'konvenzjoni* u t-tnejn jikkunsidrahom, għall-finijiet tal-kwistjoni preżenti, bħala spettanti "jure actionis". Ma jidherx li hemm raġuni għaliex ma għandux jseħħ, f'dan il-kontest, il-brokkard antik: "*valere debet argumentum* a contractu ad sententiam, cum in judicio quasi-contrabitur, et idee quod operatur contractus in volentes, operatur sententia in invitos."

Ir-rimedju li għandu d-debitur biex jeħles minn, jew jimmodifika l-obbligazzjoni tiegħu mposta fuqu bis-sentenza, jekk jidhirlu talvolta li spiċċa l-bżonn ta' l-alimentand (fejn il-bżonn hu kondizzjoni *preċedenti*), hu *li* **hu b'azzjoni oħra** jipprovoka **sentenza oħra.** Dan hu komformi ma dak li ripetutament ġie affermat mill-Qrati tagħna illi sa kemm sentenza oħra, fuq domanda tad-debitur, ma tipprovdix diversament, hu obbligat għall-esekuzzjoni talġudikat (Vol. VIII p. 895; XXIII, II, 41, XXIX, II, 598) u li d-dritt ta' l-alimenti akkwistat b'sentenza ma jistax jiġi ritenut modifika jew mitluf mingħajr deċiżżjoni oħra li tiddikjarah hekk modifikat jew mitluf (Vol. XXXII, IV, 990). U ma jidherx li jista jiġi dubitat illi meta d-debitur jieħu b'dan il-mod l-inizjativa, il-modifika fl-obbligazzjoni tiegħu jew il-ħelsien tiegħu minnha ma jirritroaġiex oltre il-ġurnata tad-domanda tiegħu. Bir-raġun fil-fehma tal-Qorti, irrimarkat l-ewwel Onorabbli Qorti, illi jkun riżultat illoġiku u antiġuridiku illi d-debitur, kundannat għall-prestazzjoni ta' l-alimenti b'sentenza, jista jottjeni **b'eċċezzjoni** tiegħu f'kawża magħmula għall-esekuzzjoni tas-sentenza *mill-kreditur, dak li ma jistax jottjeni* ***b'azzjoni*** *f'kawża* magħmula minnu stess għall-modifika jew ċessazzjoni ta' dik is-sentenza.

Il-prinċipju kuntrarju segwit mill-ġurisprudenza in kwistjoni jikkreja, fil-fehma tal-Qorti, kawża ta' estinzzjoni ta' l-effetti ta' sentenza ta' alimenti li l-liġi ma tirrikonoxxix u li hu nkompatibbili mad-dispożizzjoni ta' l-artikolu 2261 (b) tad-Kodiċi Ċivili. Ma jidherx illi hemm dubju illi l-preskrizzjoni f'dak l-artikolu kontemplata tal-kreditu ta' l-alimenti, tapplika mhux biss għall-alimenti dovuti bis-saħħa ta' konvenzjoni jew testment, iżda wkoll għal-dawk dekretati ġudizzjarjament. Kieku kien sewwa legalment il-prinċipju mpunjat, rigward alimenti dovuti bis-saħħa tal-liġi, ma jidherx illi kien ikun hemm bżonn jew qatt kien ikun hemm lok għall-preskrizzjoni. Din ovvjament tippresupponi in-nuqqas tal-prestazzjonijiet għaż-żmien rikjest u l-inazzjoni tal-kreditur li jeżiġihom. Kull ħlas ta' rata matul iż-żmien rikjest għall-kompiment tal-preskrizzjoni u kull att, almenu ġudizzjarju, għall-ħlas da parti tal-kreditur, ikun interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Imma jekk in-nuqqas tal-ħlas tar-rati skaduti kombinat man-nuqqas ta' rikjesta tal-ħlas iġib minnu nnifsu l-estinzzjoni ta' dawk ir-rati, anki jekk in-nuqqas ta' rikjesta jkun għal żmien aqsar minn dak rikjest għall-preskrizzjoni, allura għalfejn il-preskrizzjoni?

U kemm irid jgħaddi żmien (sena, sentejn, tlieta, ftit xhur, ftit ġimgħat?) wara s-sentenza jew bejn prestazzjoni u oħra, biex rata skaduta titqies "arretrat" u, kwindi, ma tistax tiġi eżatta? F'eżempji astratti prospettati minn skrittur, aktarx illi ż-żmien li jissemma ikun żmien twil, ta' snin, biex il-punt teoriku jirriżulta u l-eżempji stess ikunu konvinċenti. Imma proposizzjoni li ser tiġi adottata bħala prinċipju legali jeħtieġ illi tkun valida u applikabbli in ġenerali. Issa f'xi sentenzi tal-Qrati tagħna li adottaw il-prinċipju kontrovers kien hemm każijiet meta d-dubju ġie sollevat dwar "arretrati" saħansitra ta' xi xhur biss. Intant

kif ġa ntqal, il-preskrizzjoni kontemplata mil-liġi hi ta' ħames snin.

Relativament, in partikulari, għall-każ preżenti, il-Qorti, s'intendi, taf, illi ma jistax ikun hemm kwistjoni ta' preskrizzjoni *billi dan ma tiddekorrix bejn konjug. Iżda* l-Qorti qiegħda tiddiskuti l-validita tal-prinċipju formulat b'mod ġenerali. Dak li l-Qorti qiegħda tgħid huwa illi dak il-prinċipju joħloq mod ta' estinzzjoni ta' obbligazzjoni kanonizzata b'sentenza, bażat unikament fuq il-kors taż-żmien u l-inazzjoni tal-kreditur, illi l-liġi ma tirrikonoxxix. Ovvjament jekk, bħala miżura ta' vantaġġ għall-miżżewġin bejniethom anqas il-preskrizzjoni stess ma tiddekorri, wisq inqas, *fil-fehma tal-Qorti, jista jkun hemm dekadenza minn* dritt, bażata biss fuq nuqqas ta' esiġenza tiegħu għal xi żmien aqsar minn dak normalment rikjest għall-preskrizzjoni bejn ħaddieħor.

Xi drabi, favur il-prinċipju diskuss, ittieħed argument mill-artikolu 29 tal-Kodiċi Ċivili. L-ewwel Qorti ġa kkunsidrat dan l-argument.

L-imsemmi artikolu, fl-ewwel parti tiegħu jgħid illi "minn ikun ta l-manteniment ma jistax jitlob ir-radd ta' dak il-manteniment li jkun ta wara li tkun spiċċat ir-raġuni li għaliha kien obbligat għall-manteniment." Allura ntqal: kif id-debitur ta' l-alimenti ma jistax jitlob ir-restituzzjoni ta' dawk li jkun ħallas wara li tkun spiċċat ir-raġuni li għaliha kienu dovuti, hekk ukoll il-kreditur ta' l-alimenti *ma jistax jeżiġi dawk li ma jkunx talab fiż-żmien li* kienu dovuti. Din, pero, m'hix inferenza li tista leġittimament tinġibed mid-disposizzjoni tal-liġi, iżda hija statuz-

zjoni ġdida li l-liġi preċizament ma għamletx. Il-korrispettiv favur id-debitur ta' l-alimenti għar-restrizzjoni magħmula lilu bl-ewwel subartikolu ta' l-imsemmi artikolu 29, mhix dik l-inferenza, iżda hi d-disposizzjoni tas-subartikolu (2) li jgħid illi l-persuna li lilha kellu jingħata l-manteniment ma tistax titlob minngħand id-debitur li jkun sar jista jagħti dak il-manteniment, is-somma tal-manteniment għaż-żmien li fih l-istess debitur ma kienx taħ minħabba nuqqas ta' mezzi. Dan ma jistax japplika għal debitur ġa kundannat b'sentenza għall-prestazzjoni ta' l-alimenti fejn "ex hypothesi", il-mezzi tad-debitur ikunu ġew konstati u, fejn, jekk wara jiġri tibdil f'dawk il-mezzi, jinħtieġ biex id-debitur jiġi għal kollox jew f'parti eżentat mill-obbligazzjoni mposta bis-sentenza, li jkun hemm sentenza oħra fuq talba tiegħu.

Fl-aħħarnett jidher illi d-dottrina li fuqha ġie ntrodott fil-ġurisprudenza tagħha l-prinċipju mpunjat, anqas baqgħet segwita fid-dottrina u l-ġurisprudenza Taljani relativament aktar riċenti. Kwantu għad-dottrina l-Qorti tagħmel riferenza għal Azzariti, ġa ċitat fis-sentenza appellata, li, wara li jiddiskuti l-kwistjoni ta' alimenti arretrati pretiżi għal żmien qabel id-domanda ġudizzjarja jikkonkludi:

> "Occorre poi appena avvertire che gli assegni alimentari sono realizzabili in virtu della sentenza che condanna alla prestazione, sempre che non sia-si per essi verificata la prescrizione quinquennale."

Kwantu għall-ġurisprudenza l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell ta' Ġenova fid-disatax ta' Marzu, 1918 fil-kawża "Sardella vs. Manara" fis-sens illi: "L'obbligo della prestazione degli alimenti derivante da sentenza non si estingue per il periodo di tempo in cui l'alimentando abbia trascurato di domandarli, e quindi

egli ha il diritto di richiedere in seguito le prestazioni arretrati non scdisfatte. Talli prestazioni, pero, sono soggette alla prescrizione quinquennale." (Fadda art. 2144 Nri. 112, 113).

Għal dawn il-motivi u dawk ta' l-ewwel Qorti, din il-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-appellanti.